

MT
E-007432/2012
It-Twegiba mogħtija mis-Sur Andor
f'isem il-Kummissjoni
(6.9.2012)

1 u 4. Matul il-laqgħat bilaterali u ż-żjarat tat-timijiet ta' azzjoni, tfittxew soluzzjonijiet konġunti dwar it-tħaffif tal-implimentazzjoni ta' programmi eżistenti jew it-twessigħ tal-kopertura tagħhom permezz ta' żieda fil-baġit jew titjib fil-mira. L-Istati Membri¹ impenjaw ruħhom li jużaw il-fondi tal-UE b'mod aktar effettiv permezz tar-riallokazzjoni tal-fondi mhux impenjati jew mhux użati tal-UE biex jissaħħu l-miżuri ta' impjieg għaż-żgħażaġħ. Ir-riżultati konkreti ta' dan l-eżerċizzju ġew ippreżentati mill-President f'Mejju.

2. Matul is-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni ffukat b'mod partikolari fuq il-qagħda tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ fl-Istati Membri u fuq il-politiki dwar l-impjieg taż-żgħażaġħ ippreżentati fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma. Din l-analiżi hija riflessa fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi u fid-Dokumenti ta' F'idma tal-Persunal maħruġa f'Mejju. Bħala segwitu għall-komunikazzjoni tagħha dwar l-Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażaġħ² YOI), aktar tard fl-2012 il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta Pakkett dwar l-Impjegi taż-Żgħażaġħ, inklużi inizjattivi ta' politika dwar garanziji għaż-żgħażaġħ u qafas ta' kwalità għall-apprendistati. Dan se jjiġi ssupplimentat b'rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-YOI fl-Istati Membri. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri biex jirrappurtaw sal-bidu ta' Settembru 2012 dwar il-progress li sar, inkluża d-dejta finanzjarja aġġornata dwar l-utilità ta' finanzjament nazzjonali u tal-UE.

3. Matul il-parti l-kbira taż-żjarat fil-pajjiżi, it-timijiet ta' azzjoni ltaqgħu mal-partijiet interessati, li jinkludu l-NGOs taż-żgħażaġħ u l-imsieħba soċjali, biex jivvalutaw aħjar il-qagħda fuq il-post. Il-Kummissjoni tikkonsulta l-Forum taż-Żgħażaġħ Ewropej regolarment u hija konxja tal-pożizzjonijiet tiegħu. Beħsiebha tikkonsulta lill-Forum dwar il-Pakkett ipplanat tal-Impjegi għaż-Żgħażaġħ u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jikkonsultaw l-organizzazzjonijiet nazzjonali taż-żgħażaġħ tagħhom.

¹ Inklużi s-seba' Stati Membri msemmija fil-mistoqsija 4.

² COM(2011) 933 tal-20 ta' Diċembru 2011.